

# Messaġġ mill-Ministru għat-Turiżmu

**L-Onorevoli Clayton Bartolo**



Festa oħra ad unur Marija Bambina reġgħet magħna u m'hemmx dubju li l-Għaqda Mużikali Imperial Mellieħa ser terġa' tkun fost il-protagonisti ewlenin biex din il-festa tkompli tikber u titgawda kemm mid-dilettanti Melleħin kif ukoll minn dawk li jżuru l-lokalità f'Settembru.

Il-festi reliġjużi Maltin u Għawdxin jibqgħu parti integrali minn dak li jagħmilna aħna min aħna. Iċ-ċokon ġeografiku ta' pajjiżna ma jirriflettix il-kobor fil-patrimonju kulturali u t-tradizzjonijiet li jagħmluna uniċi u differenti minn pajjiżi oħrajn.

Tassew għandna nkunu kburin b'dak li għadna ngħixu sal-lum il-ġurnata. Il-festi tradizzjonali ilhom magħna għal mijiet ta' snin, u għalihom in-nanniet, missirijietna, ommijietna għamlu l-parti tagħhom biex id-devozzjoni reliġjuża lejn il-patrun jew il-patruna tiġi ffesteġġjata fi spirtu ta' għaqda fost il-familji u l-ħbieb tagħna.

Il-volontarjat fil-festa huwa preġju li bqajna nġedduh minn żmien għal żmien. Minn familja għal oħra. Anke jekk ikkumparat ma' għoxrin, tletin sena ilu, illum qegħdin ngħixu f'dinja fejn iż-żgħażagħ għandhom iżjed għażla fiex jinvolvu ruħhom, xorta waħda l-involviment fil-festi esterni għadu ħaj u hekk għandu jibqa'.

Naf sew x'jiġifieri li tkun tħobb il-festa. L-ewwel involviment tiegħi ma kienx fil-politika, imma propju f'din l-għaqda mużikali. Sa minn età żgħira kienet l-għaxqa tiegħi li nitgħallem strument f'ambjent ta' każin u dan iż-żmien sawwar fija s-sabiħ li tinvolvi ruħek u tagħmel il-parti tiegħek għall-komunità tar-raħal.

Għalhekk ninsab determinat li nkompli nkun ta' spalla ma' din l-għaqda li minn dejjem ħadmet bi sħiħ biex il-festa tal-Vitorja f'raħalna tkompli tikber u tissaħħaħ.

Finalment, f'ismi u f'isem il-familja tiegħi nixtieq nawgura l-Melleħin kollha l-festa t-tajba!

Viva Marija Bambina!

